MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 726/2010

**Mobisle Communication Limited**
**(C 24655)**

**vs**

**Gauci Edmond**
**I.D. 331977(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut l-hlas tas-somma ta' hames mija u tlieta u tletin Ewro u disa' u erbghin Ewro centezmu (€533.49), liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil ***Mobisle Communication Limited*** in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attriciu skond diversi kontijiet mibghuta lilhu fuq kuntratt bin-numru 423594 u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ ittra ufficjali tat-2 ta’ Dicembru, 2009, dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontro l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta’ hames mija u tlieta u tletin Ewro u disa’ u erbghin Ewro centezmu (€533.49), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------